MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 474/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Rosaria Debono**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bi-sahha ta' l-istess Att, fil- 21 ta' Settembru, 2009 gewwa Jorgie's Restaurant – Sirens Aqcuatic Sports Club, provdiet jew offriet li tipprovdi lill-persuna ohra u/jew esponiet ghall-bejgh oggetti waqt li kienet sprovvista minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dana bi ksur tal- partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru, 2010 fejn il-Qorti, il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-tlettax il-skeda u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannatha multa ta’ tmien mitt Euro (€800.00)

Rat ir-rikors tal-appellanti Rosaria Debono pprezentat fl-5 ta’ Novembru, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

Is-Sentenza tigi mhassra, revgokata u annullata biex b’hekk l-appellanti tigi liberate minn l-akkuzi dedotti kontra taghha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-esponenti jisimha Rosaria Gauci u mhux Debono. Illi hija tat din d-difiza u ma kkontestatx il-mertu. Illi giet esebita kopja ta’ l-ID Card li tikkonferma d-difiza ta’ l-esponenti. Illi wiehed irid jifhem b’kull rispett punt elementary, illi difett fil-konnotati (u mhux fl-akkuza li allura jirrendi biss l-att bhala avviso di comparire) tal-akkuzata igib in-nullita ta’ l-att ta’ l-akkuza u dana ghaliex l-eventwali sentenza tkun xi tkun tispicca wahda akkademika u mhux ezegwibbli. Illi b’mod minn l-aktar stramb, l-Ewwel qorti xorta wahda sabet htija kontra Rosaria Debono u dana minghajr ebda ragunijiet ta’ l-ghaliex il-linja difenzjonali tal-esponenti giet respinta. Illi l-esponenti tikkontendi li hija kellha tigi lliberata minn la-kkuza dedotta kontra taghha.

Ikkunsidrat

Jinghad mill-bidu nett illi l-appellanta mhijiex qeghda tikkontesta l-meritu, izda qeghda tallega illi s-sentenza hija nulla peress illi jisimha Rosaria Gauci u mhux Debono.

Fil-fatt kienet tat din id-difiza quddiem l-Ewwel Qorti u l-Ewwel Qorti kkunsidrata fis-sentenza taghha, w dehrilha li ma kienx il-kaz ta' nullita` peress illi l-appellanta kienet giet identifikata minghajr dubju.

Ikkunsidrat

L-appellanta qajmet dan l-aggravju f'dan l-istadju ukoll, u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali illi dana jghid illi c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharka.

Skond is-sentenza Il-Pulizija vs Benny Zaffarese u Anna Zaffarese tat-30 ta' Jannar, 1995, dan l-artikolu gie nterpretat fis-sens *"…… ma jiddentifikax x'dettalji ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji jithallew barra dan b'ebda mod ma jgib in-nullita` tac-citazzjoni. Anki jekk xi dettalji huma zbaljati, jekk il-persuna indikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe` li sservi ta' avviso a comparire, tkun giet ezawrita."*

L-appellanta giet identifikata fic-citazzjoni bhala Rosaria Debono nee` Gauci, dana l-ghaliex kienet mizzewga lil Carmelo Debono. Issa jekk ghal xi raguni m'ghadhix tuza l-kunjom Debono ma jfissirx illi b'daqshekk ic-citazzjoni hija nulla.

L-appellanta dehret quddiem il-Qorti, kienet taf ghal x'hix kellha twiegeb, kellha Avukat biex jiddifendiha, sar il-process gudizzjarju u nghatat sentenza.

Il-Qorti ma ssib xejn irregolari jew null f'dan il-process u ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------